



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B8-1014/2016**

14.9.2016

# **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-bżonn ta' riforma tal-Unjoni Ewropea

**Angel Dzhambazki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-bżonn ta' riforma tal-Unjoni Ewropea**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżultati tar-referendum fir-Renju Unit u d-deċiżjoni demokratika tal-poplu Brittaniku li joħroġ mill-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Ihegġegħ lill-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri jħarsu lejn ir-riżultat tar-referendum fir-Renju Unit bħala sinjal importanti ta' skuntentizza kbira fir-rigward tal-politiki u l-mod tat-tmexxija tal-Unjoni Ewropea;
  2. Jinnota li l-opinjoni negattiva taċ-ċittadini fir-rigward tal-istituzzjonijiet Ewropej hija konsegwenza tal-awtoritarjaniżmu li kulma jmur qiegħed jiżdied u li jikkarakterizza t-teħid ta' deċiżjonijiet fi Brussell u l-impożizzjoni tal-Ewrokrati li jimponu d-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-Istati Membri;
  3. Jikkundanna bil-qawwa n-negozjati immorali li jseħħu bejn il-Partit Popolari Ewropew, il-Partit tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi u l-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi fir-rigward tal-allokkazzjoni ta' karigi ewlenin fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej, u l-fatt li jħeġġu l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li mhijiex adatta għall-ħtiġijiet tal-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha;
  4. Jitlob riforma tal-Unjoni Ewropea li tiffoka fuq ir-ritorn għal Ewropa tan-Nazzjonijiet, ir-rispett u l-ħarsien tal-interessi tal-Istati Membri kollha kif ukoll ir-rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà;
  5. Jitlob lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.